# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru 26**

**Avviz numru 846/00/SM**

**Manuel u Carmen Camilleri**

**vs**

**Ruth u Benny Scerri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat t-3 ta' Lulju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

1. **Illi fi zmien qasir u perentorju jizgombraw mill-fond Alison Flats, Flat Numru 1, Triq il-Munxar, M'Skala, lil qed jokkupaw bla titlu. Il-valur lokatizju tal-fond huwa ta' mhux aktar minn LM50.00,0;**

2. **Bl-ispejjez, bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni u b'riserva ghad-danni tal-okkupazzjoni;**

**Rat is-sentenza taghha datata s-7 ta' Dicembru tas-sena 2000;**

**Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) datata d-9 ta' Ottubru tas-sena 2001;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-14 ta' Dicembru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:**

1. **Illi preliminarjament din il-Qorti mhix kompetenti biex tisma' din il-kawza billi jekk wiehed joqghod fuq dak li xehdu l-istess atturi u jaccetta li l-konvenuti qatt ma hallsu kera, allura l-valur lokatizzju huwa incert u indeterminat. Valur bhal dan jezoribta mill-kompetenza limitata ta' din il-Qorti skond l-artiklu 747 et tal-Kap 12;**

2. **Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-procedura odjerna sfortunatament tpoggi lill-genituri u binthom f'konfront dirett ma xulxin fejn kwalunkwe decizjoni ser isservi biss ta' konsolidazzjoni fl-attriti li jirrizulta li jezistu bejniethom;**

2. **Illi ghalhemm din il-qorti stiednet lill-protagonisti biex jipprovaw isibu rimedju huma stess dan irrizulta unutli;**

**3. Illi l-atturi, b'sagrificji kbar jirrizulta li gemmghu l-flus u xtraw il-fond illum meritu ta' dawn il-proceduri biex ikunu jistghu jagevolaw xi ftit lilhom infushom meta jikbru huma fl-eta' u jikbrulhom ukoll uliedhom;**

**4. Illi ghalkemm l-atturi kellhom il-futur taghhom ippjanifikat binthom il-konvenuta, xebba u ta' eta' tenera kellha tarbija u kwalunkwe pjan li l-atturi kellhom ghall-futur taghhom tar mar-rih;**

**5. Illi biex jagevolaw lill-binthom issagrifikaw il-fond in dizamina u ippermettew lill-konvenuti jirresjiedu fil-fond de quo sa kemm jghelbu t-terremot li sehh f'hajjithom bil-migja ta' tarbija f'eta' hemm tenera;**

**6. Illi pero' jirrizulta li ghadda z-zmien u l-affarijiet flok tbiddlu ghall-ahjar ikkonsolidaw ruhhom;**

**7. Illi ghalhekk l-atturi jhossu li issa l-konvenuti qed jinnegawlhom illegittimament din il-proprjeta' b'pregudizzju mhux biss ghall-atturi izda anke ghall-hut l-istess konvenuta li ghandhom l-istess drittijiet taghha;**

**8. Illi stante li l-konvenuti qed jokkupaw il-fond de quo b'mera tolleranza allura giet istitwita din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghandu jinghad li ai termini ta' l-artikolu 48 tal-Kap 12 il-Qorti tal-Magistrati hi kompetenti tiddeciedi "…kull talba ghal zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli jew bini…meta s-somma tal-kera ma tiskorrix il-hames telef Lira Maltin…";**

**Illi huwa assodat li l-konvenuti ma ghandhom l-ebda titolu x'jivvantaw fuq il-fond in dizamina stante li hu pacifiku li huma thallew jabitaw fil-imsemmi fond b'mera tolleranza sakemm jissuperaw il-mument kritiku li ghaddew minnhu;**

**Illi l-fatt li qed ihallsu d-dawl u l-ilma u t-telefon, bl-ebda mod ma jfisser li ghandhom xi titolu fil-konfront tas-sid stante li dan ifisser biss li qed ihallsu huma ta' li jikkonsmaw huma;**

**Illi l-istedina tal-konvenuti li din il-qorti ghandha b'xi mod takkolji t-tezi taghhom li l-artikolu 44 tal-Kap 69 b'xi mod jghaddi titolu ta' kera minhabba dawn il-pagamenti hi respinta stante li hi ghal kollox erronea;**

**Illi din il-qorti hi sodisfatta li l-konvenuti m'ghandhom l-ebda titolu fil-konfront ta' l-atturi u konsegwentement qed tirrespingi l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti u tiddikjara li hi kompetenti biex tipprosegwixxi bl-kawza odjerna;**

**Illi in vista ta' premess, din il-qorti tiddeciedi li filwaqt li tirrespingi t-talbiet l-ohra tal-konvenuti tilqa' t-talbiet attrici u:**

1. **Tiddikjara li l-konvenuti Ruth u Benny Scerri qed jokkupaw il-fond "Alison Flats", Flat Numru 1, Triq il-Munxar, Marsascala, minghajr titolu;**

2. **Tordna lill-istess konvenuti Ruth u Benny Scerri jizgumbraw mill-istess fond "Alison Flats", Flat Numru 1, Triq il-Munxar, Marsascala, fi zmien xahar millum, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**